## L - GHANA MALTI FIL - QAJJENZA

Angelo Dougall

Jekk serati tal-għana Malti kienu dejjem imsejsin fuq il-folklor u l-Buskett f'lejlet l-Imnarja, daqshekk ieħor, serati tal-għana Malti kienu marbutin mal-Qajjenza, ta' kull sena, f'dawk l-iljieli sajfin. Il-Qajjenza, ġol-bajja ta' Marsaxlokk, kif saret in voga daż-żmien, tissejjaħ in-naħa t-isfel ta' Malta. Bħala Maltin tabilħaqq, tradizzjonijiet folkloristiċi Maltin la huma ta' isfel, u l-anqas ta' fuq, u ma nħarsux lejhom b'xi mod ieħor, ħlief li huma Maltin fir-ruħ u fil-ġisem, u li huma tradizzjonijiet li għandu jkollna lkoll kemm aħna, sentimenti lejhom, u li għandna ngħożżuhom kif jixirqilhom.

Il-plajja tal-blat bejn il-*Gas Works* u l-Batterija Ferretti, kienet post favorit għal serati ta' għana Malti, fl-iljieli sajfin, fid-difa tal-kwiet, mal-baħar, għall-arja tal-kampanja. Dawn is-serati kienu popolari ħafna fost id-dilettanti ta' din in-namra u passatemp nazzjonali, l-aktar, meta l-ħabib tiegħi "Il-Bambinu" (Mikiel Abela taż-Żejtun) kien għadu ħaj u mimli ħeġġa. Il-Qajjenza, sa ftit snin ilu biss, kien post kwiet, lokal ta' blat u baħar, raba' u mrieħel, sikta....daż-żmien telgħet belt oħra!

Madankollu ma kienetx il-mewt ta' dan l-għannej kbir li qatlet dan il-passatemp/namra/delizzju tipiku folkloristiku Malti, imma l-bini ta' erba sulari wisq qrib il-plajja. L-ippjanar f'dan il-lokal, la ta każ ta' din l-attivita' tradizzjonali Maltija, u l-anqas ħass l-iċken inpenn biex jagħti jew iħalli post għaliha jew jaħseb fiha!. Ir-riga, il-kumpass u l-iskwerra mexxew kollox bla sentimenti ta' xejn, bla ma ħadu l-iċken konsiderazzjoni lejn l-eluf ta' nies u lejn id-delizzju, wirt nazzjonali tagħhom. B'dan il-mod, l-ippjanar li sar fil-Qajjenza, kines darba għal dejjem din it-tradizzjoni minn dan il-lokal.

Ġol-Qajjenza kienu jiġu għal dawn is-serati tal-għana, nies minn ħafna postijiet u rħula; minbarra Birżebbuġa stess, għannejja u daqqaqa kienu jiġu ukoll minn Marsaxlokk, Żejtun, Ħal Far, Bingħisa, Gudja, Għaxaq, Bir-id-Deheb, Ħal Tarxien, Żurrieq, Żabbar, u postijiet oħrajn. Għannejja u daqqaqa jikkompetu bejniethom fi ħbiberija kbira, kienu jġibu magħhom il-familja, bin-nisa, tfal u xjuħ, u erħilhom jgħaddu ljieli sħaħ fuq dan il-blat tal-plajja tal-Qajjenza...jgħannu għal qalbhom kif imdorrijin jagħmlu sa minn ċkunithom, u skond id-drawwiet folkloristiċi Maltin. Hemm kienu jġibu l-ikel tradizzjonali tagħhom u mbejjed, bla ma jqabbdu l-*barbeque*, ħmerijiet barranin li qed iħammġulna x-xtajtiet tagħna, u li jimlewlna bid-dħaħen u xaħmijiet ifexfxu, bl-irwejjaħ tal-*hot dogs* u *hamburgers*.

Billi l-awtoritajiet semmew xi toroq fil-Qajjenza għal għana Malti u għal xi għanneja, b'daqshekk la nkoraġġew din it-tradizzjoni biex tkompli f'dan il-lokal, u lanqas qed ninkuraġġixxu dan il-passatemp folkloristiku...għalhekk xejn ma jissokta bħal ma kien qabel. It-tradizzjoni qawwija tal-għana Malti f'dan il-lokal, issa donnha spiċċat u nqerdet għal kollox! Dnub...ħasra u għajb għal dak kollu li sar biex twettaq dan

f'dawn l-aħħar ftit snin. Hu ta' stmerrija l-aġir ta' l-awtoritajiet ta' l-ippjanar għal dak li sar fil-Qajjenza.

**Suġġeriment** Billi biċċa ġmielha mill-plajja ġa nbniet b'erba' sulari bini, u minħabba li jistgħu isiru xi lmenti minn residenti dwar għana, għanneja u folol li jiġu jisimgħu, m'għadux aktar prattikabbli li jerġa jsir l-għana fejn kien isir qabel. Iżda mhux tard wisq li tista' tiġi rranġata r-roqgħa kbira ta' blat qrib il-Batterija Ferretti li jerġa' jibda jsir l-għana f'dan il-lokal, u terqa tkompli it-tradizzjoni fil-Qajjenza. Żgur li jekk jiġu avviċinati id-dilettanti, gruppi ta' għannejja u daqqaqa, dawn ikunu ta' għajnuna bl-idejat tagħhom, dwar x'għandu jsir u x'hemm meħtieġ f'dan il-post. Anzi mhux talli li dawn it-tradizzjonijiet u drawwiet qodma ta' missirijietna ma jinqerdux, iżda jieħdu spinta u ħajja ġdida. Dan il-lokal fuq il-blat jinsab bogħod biżżejjed, biex la jtellef il-kwiet, u lanqas iweġġa' l-widnejn ta' dawk il-ftit imsejkna li għal widnejhom la jdoqqilhom, u l-anqas jittolleraw din ix-xorta ta' tradizzjoni Maltija.

Skond pjanti għall-iżvilupp ta' dan il-post hemm daqsxejn ta' pjazza proġettata qrib il-Batterija Ferretti. B'daqsxejn ta' immaġinazzjoni u ħsieb, kemm din il-pjazzetta, kif ukoll dik ir-roqgħa kbira ta' blat li semmejt, jistgħu jiġu rranġati b'mod li fihom ikunu jistgħu isiru serati ta' għana. B'daqsxejn ta' ħajt tas-sejjieħ għall-kenn mill-ħsejjes tat-traffiku, u palk bi ftit turġien tal-ġebel, xi bankijiet u tiżjin bis-siġar u xtieli indiġeni għal ambjent Malti, dan il-post jista' jkun irranġat u miftuħ għall-pubbliku mill-aktar fis, biex it-tradizzjoni folkloristika tal-għana Malti tissokta bħal qabel mal-plajja tal-Qajjenza...

---

**Ritratti li jidhru fil-faċċata l-oħra li jmiss:**

FUQ: Qajjenza. Il-blat ta' ħdejn il-Batterija Ferretti.

ISFEL; Qajjenza. Il-post immarkat bħala li se jsir pjazzetta fuq pjanti ta' żvilupp.

(ir-ritratti meħudin minn Angelo Dougall, 5-3-94)

---



